**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Jannar 2020**

Kawza Numru: 25/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Tony & Andrea Bros Limited (C 75668)

It-Tribunal

Ra t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Ottubru 2018, li permezz taghha talbet lit-Tribunal tordna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' hames mija u sebgha u disghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€597.74) bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz provdut fuq il-kont numru 40657072 relattiv ghal Bundle Agreement rigward servizzi ta' telefonija ( Dok A u B).

Ra n-nota tas-socjeta' rikorrenti tal-4 ta' Gunju 2019 fejn gie ddikjarat illi s-socjeta' intimata giet notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh bil-mezz tal-procedura ta' publikazzjoni u affissjoni.

Ra illi s-socjeta’ intimata ma ressqet l-ebda risposta fit-terminu tal-ligi u hadd mis-socjeta' ma deher quddiem dan it-Tribunal, kemm fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2019 kif ukoll fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2019.

Sema’ l-provi;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2019 xehdet Miriam Curmi, in rapprezentanza tas-socjeta’ rikorrenti fejn qalet illi l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra illi fl-istess seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Permezz ta’ din it-talba, s-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas tas-somma ta’ €597.74 in konnessjoni mas-servizzi ta’ telefonija provduti minnha lis-socjeta' intimata.

Illi fis-seduta mizmuma nhar il-11 ta’ Ottubru 2019, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata’ sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm s-soceta' intimata giet debitament notifikata, la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m'ghandux mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba filwaqt li s-socjeta' intimata ma ressqet l-ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' €597.74 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tas-sentenza. Spejjez a karigu tas-socjeta' intimata.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*